

Brussell, 24 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0801(NLE)

---

---

9351/1/22  
REV 1

LIMITE

AGRILEG 77  
DENLEG 37  
SAN 279  
CONSOM 128  
RECH 263  
MI 415  
FOOD 34

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tas-settur tal-katina alimentari

---

1. Ir-Regolament (UE) 2019/1381<sup>1</sup> dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari mmodifika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru°178/2002<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu dwar il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).
2. F'konformità mal-Artikolu 25, il-paragrafu (1)(a), il-punt (c) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għandu jkun magħmul minn erba' membri u erba' membri supplenti li għandhom id-dritt li jivvutaw u li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tas-settur tal-katina alimentari.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

3. Il-mandat tal-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA li jkunu fil-kariga fit-30 ta' Ġunju 2022 jiskadi f'dik id-data. Il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni l-ġdid iridu jiġu nominati u jinħatru skont ir-regoli l-ġodda sabiex il-mandat tagħhom ikun jista' jibda fl-1 ta' Lulju 2022.
4. Fil-21 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill lista ta' kandidati magħżula għall-ħatra tal-membri msemmija hawn fuq<sup>3</sup>.
5. Fit-28 ta' Jannar 2022, il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew biex jippreżenta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mit-28 ta' April 2022.
6. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-proċedura tal-għażla għall-ħatra attwali<sup>4</sup>.
7. Fit-13 ta' Mejju 2022, fid-dawl tal-indikazzjonijiet riċevuti mid-delegazzjonijiet u f'konformità mal-proċedura tal-għażla approvata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill identifika lill-kandidat b'numru ogħla ta' rakkomandazzjonijiet.
8. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill<sup>5</sup>.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa għaldaqstant mistieden:
  - japprova r-rappreżentanti elenkati fl-Anness għal din in-nota;
  - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tas-settur tal-katina alimentari, kif tinsab fid-dokument 9123/22 wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti;
  - jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jiddeċiedi li jipubblika d-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>3</sup> 5581/22

<sup>4</sup> 6306/22

<sup>5</sup> 8971/22

**ĦATRA TAL-MEMBRI U TAL-MEMBRI SUPPLENTI TAL-BORD TA' ĠESTJONI TAL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL LI JIRRAPPREŻENTAW L-INTERESSI TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI U TAS-SETTUR TAL-KATINA ALIMENTARI**

**Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026:**

- Is-Sa Floriana CIMMARUSTI (membru),
- Is-Sa Eleni IOANNOU-KAKOURI (membru supplenti).

**Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026:**

- Is-Sur Xavier GABARRELL DURANY (membru),
- Is-Sa Apolline ROGER (membru supplenti).

**Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026:**

- Is-Sa Annette TOFT (membru),
- Is-Sa Maira DZELZKALĒJA BURMISTRE (membru supplenti).

**Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet industrijali għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026:**

- Is-Sa Rebeca FERNANDEZ (membru),
- Is-Sur Dimitrios LADIKOS (membru supplenti).